MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 981/2011

**SPINOLA DEVELOPMENTS CO. LIMITED** (C – 331)

**vs**

Vladimir **SOPRUNOVSKY** u Elena Mikhailovna Soprunovsky

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fl-10 ta' Ottubru, 2011, li bih is-soċjeta' rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lill-imħarrkin, solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma ta' tlettax-il elf mitejn u tmienja u tletin euro u tmienja u tmenin ċenteżmi

(€13,238.88) li tirrappreżenta, in kwantu għal €12,783.22 nefqiet għal spejjeż u serviżżi komuni relattivi għal *Penthouse* III, *Entrance* 16, Portomaso, San Ġiljan; in kwantu għal €18.72 rappreżentanti sehem għall-ħlas tal-provvista tal-elettriku għall-imsemmi fond; u in kwantu ghal €436.94 rappreżentanti nefqiet għal spejjeż komuni dwar *car park spaces* bin-numri 2194 u 2195 li jinsabu fil-garaxxijiet tal-istess kumpless;

Talbet ukoll il-ħlas ta' l-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-intimati għall-finijiet tal-art. 187(3) tal-Kap 12, li naqsu li jidhru meta ssejħet il-kawża, u hekk baqgħu kontumaċi;

Semghet lil rappreżentant tas-soċjeta' attriċi tikkonferma li, minn dak inhar li nfetħet il-kawża ma sar l-ebda ħlas mis-somma msemmija fit-talba;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumacja tal-intimati tiddeċiedi billi:

1. **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2. **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lis-soċjeta' attriċl s-somma ta' tlettax-il elf mitejn u tmienja u tletin euro u tmienja u tmenin ċenteżmi ((€13,238.88) rappreżentanti nefqiet u ħlasijiet ta' servizzi dovuti kif fuq ingħad, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma għall-finijiet tal-artikolu 26A u 26Ċ tal-Kapitolu 13

tal-Liġijiet ta’ Malta b’seħħ minn għeluq tletin (30) jum mid-data ta’ kull fattura, sal-jum tal-ħlas effettiv.
.

**3. Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------